MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 725/2005

**Alfred Borg**

**Vs**

**Francesca Salomone u Dr Anthony Cutajar u PL Luisa Tufigno nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Michael Salomone**

Permezz ta' din il-kawza l-attur harrek lill-konvenuti sabiex jithallas is-somma ta' €26,554.85 (Lm11,400) ammont ta' flus li ssellfu.

Il-konvenuta wiegbet li (fol. 9):-

1. Id-dejn sar minn zewgha li kien vittma ta' l-uzura kif konfermat f'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Dicembru 2004 fil-kaz Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Salomone et.
2. L-esponenti saret taf bl-iskrittura tal-1 ta' Novembru 1998, fis-sena 2000, meta Michael Salomone kien mhedded b'hajtu. Kienu wkoll mhedda hajjet uliedu. Ghalhekk hi ffirmat l-iskrittura sabiex issalvaha hajjet uliedha u zewgha. B'hekk Alfred Borg serrah rasu li zewgha ser ihallas id-dejn. Pero' zewgha naqas milli jhallas id-dejn u issa qieghed barra minn Malta.
3. L-esponenti ghaddej minn process ta' separazzjoni minn ma' zewgha.
4. L-esponenti m'ghandix tigi kkundannata thallas l-ammont mitlub mill-attur.

Il-konvenut hu rapprezentat minn kuraturi tal-elenku peress li hu assenti minn Malta. Permezz ta' nota ta' l-eccezzjonijiet li pprezentaw fit-28 ta' Marzu 2012, qalu li m'humiex edotti mill-fatti (fol. 49).

Permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Novembru 1998, l-attur u l-konvenut ftehemu:

*"Bil-prezenti skrittura ta' Alfred Borg imwieled l-Pieta u residenti 77, Triq il-Parrocca Mqabba qed jissoministra b'titolu ta' self lil Michael Salamone personalment li joqghod 189/2 Tower Road, Sliema s-somma ta' Lm16,000 (sittax-il elf Lira Maltin) u dawn ghandhom jithallsu lura minn Michael Salomone lil Alfred Borg, Lm1,000 (Lira Maltin) kull l-ahhar tax-xahar mill-30 ta' Novembru 1998 sal-31 ta' Marzu 1999 u l-bilanc ta' Lm11,000 (hdax il-elf Lira Maltin) jithallas fit-30 ta' April 1999. Dawn il-flus huma ghal skop ta' negozju ghal kumpannija M. Salomone & Sons Ltd kif ukoll ghal ragunijiet personali. Is-somma kollha bla imghax"* (fol. 41).

Imbaghad:

1. Fit-30 ta' Marzu 1999 il-partijiet f'din il-kawza ffirmaw dikjarazzjoni li tghid:

   *"Jiena Alfred Borg niddikjara li mill-ammont fuq imsemmi jiena fadalli niehu minn ghand Michael Salomone is-somma ta' Lm13,300 liema somma il-partijiet jaqblu li ghandha tithallas fi zmien sena mil-lum"* (fol. 41);

2. fil-15 ta' Gunju 2000 il-partijiet f'din il-kawza ffirmaw din id-dikjarazzjoni:

*"Ahna hawn taht iffirmati Alfred Borg u Michael Salomone imsemmija fl-iskrittura fuq in-naha l-ohra tal-pagna qeghdin naqblu li nestendu t-terminu ghal hlas tas-somma ta' Lm13,300 sal-31 ta' Lulju 2000"* (fol. 41).

Dikjarazzjonijiet li huma ffirmati wkoll mill-avukat ta' fiducja tal-konjugi Salomone, bhala xhud tal-firem u identita.

Il-qorti semghet il-provi li ressqu l-partijiet fil-kawza u tosserva:

i. Fir-raba' eccezzjoni l-konvenuta allegat li kienet taf bl-iskrittura tal-1 ta' Novembru 1998 fis-sena 2000, meta zewgha Michael Salomone kien mhedded b'hajtu, u kienu mhedda wkoll hajjiet uliedha. Qalet li din kienet l-unika raguni ghalfejn iffirmat id-dokument. Mill-istess skrittura (fol. 41) jirrizulta li l-ewwel darba li ffirmat dikjarazzjoni fir-rigward tad-dejn li zewgha ghamel mal-attur kien fit-30 ta' Marzu 1999;

ii. Irrizulta li l-konvenut kien akkumula kwantita dejn, fatt li gab hafna inkwiet u diffikultajiet fil-familja. Jidher ukoll li l-konvenuta ma kenitx taf id-dettalji dwar dak li qieghed jaghmel zewgha (ara deposizzjoni ta' Dr Peter Borg Costanzi, seduta tat-8 ta' Novembru 2012 a fol. 79). Sfortunatament il-konvenuta sfat vittma tat-tahwid ta' zewgha, li minflok ra kif ghamel biex isolvi l-problemi dabbar rasu minn Malta u jidher li halla lill-martu lampa stampa;

iii. M'hemmx prova li l-attur ghamel xi theddid lill-konvenuti. Anzi l-konvenuta xehedet: *"Dwar Borg niftakar li zewghi kien qalli (li) dan ir-ragel mhux bhall-ohrajn. Jien fhimt li ma kienx tip ta' kwalita' ta' ragel bhal l-ohrajn cioe' li jheddu"* (fol. 117). Ghalhekk zgur li fil-kaz tal-attur ma jistax iregi dak li nghad fit-tielet eccezzjoni. Il-konvenuta qatt ma xehedet li ffirmat ghaliex l-attur kien heddidhom.

iv. Issemmiet wkoll l-uzura. Pero' f'dan ir-rigward ukoll ma tressqux provi li f'dan il-kaz hemm xi uzura;

v. Irrizulta kif meta l-konvenuti ffirmaw id-dikjarazzjonijiet tat-30 ta' Marzu 1999 u 15 ta' Gunju 2000, kienu assistiti minn avukat li kien habib personali ta' missier il-konvenuta u kien gie involut biex ighin lill-koppja minhabba d-dejn li kien ghamel Michael Salomone;

vi. M'hemmx dubju li l-flus inghataw lil Michael Salomone u l-konvenuta ma kenitx involuta fl-iskrittura ffirmata fl-1 ta' Novembru 1998. Madankollu meta l-konvenuta ffirmat id-dikjarazzjonijiet tat-30 ta' Marzu 1999 u tal-15 ta' Gunju 2000, giet li rratifikat dak li ghamel zewgha. B'dak li ghamlet il-konvenuta kienet qeghda tirrikonoxxi d-dejn li kellu zewgha ma' l-attur u assumiet ukoll ir-responsabbilta' ghalih. Tant il-konvenuta tafu dan li xehedet: *"L-uniku raguni ghalfejn jiena iffirmajt l-karta, li fuqha qed jibbaza l-kawza Borg kien ghax jien gejt infurmata minn Dr Joe Fenech li kulhadd ser jithallas mal-bejgh tal-ishma li kellu Michael. X'sar mill-prezz tal-bejgh tal-ishma li fir-realta' sehh m'ghandi l-ebda idea jew taghrif..... Jiena kelli fiducja assoluta f'Dr Fenech. Ma qadtx nistaqsieh ghalfejn jien ser noqghod niffirma jekk id-dejn ma ghamiltux jien. Hu kien ikkonvincini bil-mod kif kellimni li dan ma kienx ser ikun hemm problemi li kif jinbieghu l-ishma kulhadd ser jithallas"* (fol. 117). Hu evidenti li l-iskritturi kienu l-mod kif jintrebah iktar zmien sabiex l-attur ma jiehux passi gudizzjarji biex jithallas dak li kien dovut lilu. B'dan il-mod il-konvenut seta' jikkoncentra fuq il-bejgh ta' ishma fil-kumpannija VJ Salomone Limited minghajr biza' li xi kreditur jisfrattalu l-pjanijiet. Fil-fatt bl-iskrittura tat-30 ta' Marzu 1999 intrebhet sena filwaqt li bit-tieni wahda nghatat estensjoni ta' xahar. Hu evidenti wkoll li l-attur kien dispost li jikkoncedi tali zmien diment li tkun ukoll involuta mart l-attur. F'dan ir-rigward il-konvenuta xehedet: *"Dr Fenech qalli wkoll li kellna niffirmaw dokumenti biex nirbhu iz-zmien sakemm Michael ibiegh is-shares ta' VJ Salomone u jidhlu l-flus u jithallsu dawn in-nies. Qalli jekk ma niffirmax jien dawn in-nies ma kienux ser jaccettaw"* (fol. 116). Fil-fehma tal-qorti l-uniku raguni ghalfejn il-konvenuta ffirmat id-dikjarazzjonijiet tat-30 ta' Marzu 1999 u 15 ta' Gunju 2000 kien sabiex tirratifika u taccetta dak li ghamel zewgha. B'dan il-mod id-dejn sar tal-konvenuti flimkien. F'affidavit li pprezentat fil-15 ta' Novembru 2013 (fol. 109) il-konvenuta tinsisti li bil-firma taghha ma kenitx qeghda taccetta d-dejn. Il-qorti ma taqbilx. Il-konvenuta xehedet: *".... jiena geghluni niffirma biex nirbahlu ftit zmien sakemm ibiegh is-shares"*. Sabiex l-attur jaghti iktar zmien lill-konvenut ghall-hlas, ma kellux bzonn il-kunsens jew il-firma ta' martu. Ghalhekk il-konkluzjoni tal-qorti hi differenti.

vii. Il-konvenuta fdat li mill-bejgh tal-ishma li zewgha kellu f'kumpannija tal-familja, kien ser ikun hemm bizzejjed flus biex jithallsu debituri. Sfortunatament hu evidenti li mhux id-debituri kollha thallsu, u l-attur hu wiehed minnhom. Ghalkemm il-konvenuta ffirmat id-dikjarazzjonijiet fuq parir li nghatat mill-avukat li kien qieghed jassistihom u qalet li meta ffirmat kienet ghaddejja *"minn perjodu ferm difficli u stressanti ghaliha u dan minhabba l-azzjonijiet egoisti ta' Michael Salomone li dahal f'hafna dejn ma' nies perikoluz...."* (nota ta' sottomissjonijiet prezentata fid-19 ta' Mejju 2014), jibqa' 'l fatt li ffirmat u ma saret l-ebda kundizzjoni li r-responsabbilta' taghha tkun limitata.

viii. Jirrizulta li fil-11 ta' Ottubru 2000 gie ppubblikat kuntratt li bih il-konvenuti tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti (fol. 37). Fil-kuntratt jinghad: *"1. Il-partijiet jaqblu illi jekk hemm xi debiti li saru mill-konjugi Salomone flimkien, dawn jibqghu fir-responsabbilta' ugwali tat-tnejn li huma flimkien, mentri jekk xi wiehed minnhom ghamel/ghamlet xi debitu minghajr il-kunsens jew konsapevolezza tal-parti l-ohra, liema debitu skond il-ligi jirrikjedi l-kunsens l-iehor jew l-ohra, dan id-debitu jew debiti partikolari jkun fir-responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li tkun ghamlitu"*. Dikjarazzjoni li ghall-attur kienet *res inter alios acta*.

Fit-30 ta' Mejju 2012 il-konvenuta pprezentat eccezzjoni ulterjuri, cjoe' li l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(e) tal-Kodici Civili (ara fol. 63)[1]. L-ahhar skrittura li giet iffirmata mill-konvenuta hi datata 15 ta' Gunju 2000. Il-kawza giet prezentata fl-10 ta' Awissu 2005. Mill-provi ma rrizultax li wara li giet iffirmata l-iskrittura tal-15 ta' Gunju 2000 il-konvenuta ghamlet xi dikjarazzjoni fis-sens li tirrikonoxxi li hi debitrici tal-attur. Mill-atti jirrizulta li kienu saru pagamenti lill-attur fil-15 ta' Ottubru 2001, 25 ta' Marzu 2002, 8 ta' Mejju 2002, 30 ta' Lulju 2002, 5 ta' Novembru 2002 u 4 ta' Frar 2003 (fol. 26-31). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li kull darba li sar pagament giet interrotta l-preskrizzjoni. Dan ukoll jekk il-pagamenti saru minghajr ma kienet taf il-konvenuta. Dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili[2]. Tant hemm solidarjeta' bejn il-konjugi li l-Artikolu 1330 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"Meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin".*

Ghalkemm il-konjugi Salomone ghazlu li jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti, dan 'il fatt ma bidel xejn in kwantu hu *res inter alios acta* ghall-attur.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

i. **Tichad l-eccezzjoni ulterjuri.**
ii. **Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu.**
iii. **Tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur s-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u erbgha u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€26,554.85), bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti. B'dan li d-dritt tal-kuraturi ghandu provizorjament jithallas mill-attur bi dritt li jirkuprah minghand il-konvenuti.**

## < Sentenza Finali >

[1] Ara wkoll verbal tal-20.3.2012 (fol. 46).
[2] *"L-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum, u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom".*

---------------------------------TMIEM---------------------------------